**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-28 T'OTTUBRU, 2021**

**Kawza Numru: 17**

**Rik. 827/2019 RGM**

**Rikors ta' Angelo Zahra fl-atti**

**tal-Ittra Uffiċjali nru 3094/2019 fl-ismijiet:-**

**Victor Fenech (K.I. 698355 M) ghan-nom**
**Ta' Red Rock (Investments) Limited**

**vs.**

**Angelo Zahra (K.I. 751849 M)**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors ta' Angelo Zahra** prezentat fit-28 t'Awwissu, 2019 li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:

1. Ili preliminarjament l-esponent gie notifikat bl-ittra ufficjali b'ebda dokument anness maghha.

2. Illi dina l-procedura tidher li qieghda ssir ai termini tal-artikolu 253 (e) u 256(2) tal-Kapitolu tnax tal-Ligijiet ta' Malta li principarjament jirreferi ghall-kambjali u promissory notes.

3. Illi qatt ma gew ipprezentanti lill-esponent, l-ebda promissory note u ntalab il-hlas taghha bil procedura li titlob il-ligi, u ghalhekk tirrendi l-procedura stitwita ai termini l-artikolu 253(e) bhala wahda rrita u nulla.

4.Illi madanakollu mill-ittra ufficjali jirrizulta illi l-ammonti pretizi qieghdin jsiru a tenur ta' skrittura datata 12 ta' Lulju 2017 li anqas ma giet annessa mal-ittra ufficjali u ghalhekk mhux car x'titolu qieghed jkun ittentat jigi rez esekuttiv u esegwit.

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva li huwa ma ghandu jhallas xejn aktar lil Red Rock (Investments) Limited u dana ghaliex kwalsiazi ammont misluf lilu, ilu zmien twil li thallas u dak li qed jintalab llum permezz tal-ittra ufficjali huma fl-intier tieghu imghax bl-uzura u imghax ulterjuri kkalkolat fuq l-imghax bl-uzura, b'hekk jirrendi dina l-pretensjoni affetti minn kawza illecita.

6. Illi ghalhekk l-esponent qieghed ghar-ragunijiet suesposti w_atenur il-proviso tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 jopponi ghall-esekuzzjoni tal-imsemmija skrittura datata 12 ta' Lulju 2017.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jaghogobha tissospendi *in toto* l-esekuzzjoni tal-imsemmija skrittura

privata u taghti dawk il-provedimenti kollha opportuni fic-cirkostanzi w skond il-ligi.

Rat ir-**Risposta ta' Victor Fenech** ipprezentata fit-2 t'Ottubru, 2019 fejn jinghad kif gej:

Illi t-talbiet kontenuti fir-rikors ta' Angelo Zahra (K.I. 751849M) tat-28 ta' Awwissu 2019 għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu għar-raġunijiet li ser jissemmew iżjed l-isfel. Illi l-esponenti jopponi għat-talba tar-rikorrent biex titwaqqaf l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv ottenut mill-esponent permezz tal-procedura skond l-artikolu 253 tal-Kap.12 u dan għas-segwenti raġunijiet:

Illi l-esponenti huma kredituti tar-rikorrenti fis-somma ta' €39,440 ekwivalenti għal Lm17,000 bħala s-somma kapitali u somma oħra ta' €39,440 rappreżentanti l-massimu tal-imgħax legali konsentiti mill-liġi ta' 8% mill-21 ta' Awwissu 1995; u dan skont skrittura datata 12 ta' Lulju 2017, **Dok. A.** hawn anness u liema somom ta' flus għadhom ma tħallsux lilu a tenur tal-istess skrittura. Illi l-esponenti huma kredituti tar-rikorrenti ta' somma oħra fl-ammont ta' €139,200 ekwivalenti għal Lm60,000 bħala s-somma kapitali u somma oħra ta' €139,200 rappreżentanti l-massimu tal-imgħax legali konsentiti mill-liġi ta' 8% mill-21 ta' Awwissu 1995; u dan skont skrittura datata 12 ta' Lulju 2017 u liema somom ta' flus għadhom ma tħallsux, l-istess Dok A. hawn anness. Illi minkejja li fil-proċedura odjerna l-esekuzzjoni hija fuq kambjala waħda, dan qed jingħad sabiex din l-Onor. Qorti jkollha stampa iżjed ċara tar-rabta ta' bejn il-partijiet.

Illi l-esponenti jispjega li l-partijiet ilhom jinnegozjaw mit-tmeninijiet u tul is-snin sar diversi negozju, kemm ta' propjeta' u anki affarijiet oħra. Illi l-esponenti kien sleeping partner mar-rikorrenti u għalhekk kien jagħddilu l-flus u r-rikorrenti kien jixtri u

jbiegħ propjetajiet fuq il-konvenju. Ir-rikorrenti Angelo Zahra kien liberu' li jinnegozja kif jidhirlu hu u dak li kien jiġi quddiem ghajnejh kien jiħol għalih u għalhekk minkejja li n-negozju kien sejjer tajjeb xorta kien ikollu bżonn il flus mingħand l-esponenti stante li bil-kapital tiegħu biss ma kienx biżejjed. Illi r-rikorrenti beda jmur ħażin meta bdew jiġru warajh il-kredituri għax kien xtara disco ossia 'Tremors' f'Paceville bl-appartamenti fuqu u dan negozju kien falla.

Illi l-flus dovuti fil-każ odjern imorru lura għall-bidu tas-snin disgħin. Fil-21 ta' Awwissu 1995 il-partijiet iltaqaw sabiex jllikwidaw u kien sar ftehim li l-esponenti jieħu dar il-Balluta, żewġ porzjonijidt ta' art l-Iklin, u art il-Gudja u dan skont konvenju datat 2 ta' Mejju 1996 kopja tiegħu hawn anness u mmarkat bħala **Dok. B**. Illi ġara li l-kuntratt ma setax isir u dan stante li kien hemm difetti fosthom fuq id-dar tal-Balluta fejn l-anzjana li kienet toqgħod hemm bil-kera, dawret il-karti tal-identita' ta' uliedha fuq dak l-indiriz sabiex ma joħorġux min hemm kif ukoll kienu rranġaw ma Heritage Malta u d-dar ġiet skedata bħala Grade 5 u għalhekk ma setgħetx tintmiss. Illi għar-rigward tal-art tal-Iklin, l-esponenti kien ġab il-permess neċessarji u kienet saret ċessjoni favur terzi iżda l-qliegh mar dirett għand il-Bank biex jinqata mill-overdraft li kellu Angelo Fenech u dan peress li fuq l-art kien hemm piżijiet favur il-bank. Illi kien hemm ukoll difett fuq propjeta' oħra ossia Flat no.2, 'tas-Sienja Complex', Swieqi Valley, Swieqi, li ma setax jimmatura peress li l-imsemmi flat kien ipotekat mal-HSBC Bank Malta plc favur kumpanijja ta' l-istess rikorrenti Angelo Zahra.

Illi sussegwentement bdew isiru diversi skritturi akkompanjati b'kambjali biex ir-rikorrenti jibda jħallas lill-esponenti u eventwalment sar il-ftehim tat-12 Lulju 2017.

Illi f'dan il-perjodu, anki peress li fil-frattemp Angelo Zahra ġie arrestat fuq traffikar tad-droga u frodi u kien spiċċa l-ħabs, l-esponenti talab garanzija u Denise Frendo (K.I. 473069M), is-sieħba ta' Angelo Zahra għamlet garanzija personali fuq id-djun tar-rikorrenti Angelo Zahra, anki permezz ta' kambjala. Illi għandu jingħad li l-fond 'Shekinah', Il-Bidnija, Limiti tal-Mosta, Mosta kienet propjeta' ta' Angelo Zahra iżda sar trassferiment tal-propjeta' favur Denise Frendo (K.I. 473069M) biex ma tinqabadx mill kredituri.

Illi l-kambjala li qed jintalab l-eżekuzzjoni tagħha hija valida skont il-liġi u hemm indikati b'mod ċar u kif trid il-liġi l-firma tar-rikorrenti; id-data,  is-somma li għandha titħallas, l-isem ta' dak li għandu jħallas, u l-isem ta' dak li lilu għandu jsir il-ħlas. Illi r-rikorrenti m'għandu l-ebda raġuni valida skont il-liġi sabiex jopponi l-eżekuzzjoni tal-kambjala.

Illi għalhekk, minħabba f'dan kollu li qiegħed jiġi sottomess mill-esponenti, t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu respinti."

Semgħat il-provi mressqa mill-partijiet;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet preżentata mir-rikorrent fl-20 ta' Lulju 2021;

Rat li l-intimat baqa' ma ppreżentax nota ta' sottomissjonijiet responsiva;

Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Dawn il-proċeduri kellhom il-bidu tagħhom bil-preżentata fl-14 ta' Awissu 2019 ta' ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 253 (e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li permezz tagħha Vicotr Fenech għan-nom ta' Red Rock (Investments) Limited wara li invoka l-artikolu fuq imsemmi iddikjara u kkonferma bil-ġurament tiegħu li Angelo Zahra huwa debitur tiegħu fis-somma ċerta, likwida u dovut ta' €39,440 bħala s-somma kapitali dovuta oltre s-somma oħra ta' €39,440 rappreżentanti l-massimu tal-imgħax legali konsentit mil-liġi "u dan skond skrittura datata 12 ta' Lulju 2017 u liema somom ta' flus għadhom ma thallsux lilu a tenur tal-istess skrittura."

L-ewwel raġuni mressqa mir-rikorrent sabiex il-Qorti tissospendi l-effetti tal-ittra uffiċjali imsemmija hi illi filwaqt li Victor Fenech nomine jinvoka fl-ittra uffiċjali minnu ppreżentata l-Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12, fil-korp tal-ittra uffiċjali ma jagħmilx referenza għal kambjala iżda għal skrittura tat-12 ta' Lulju 2017 mingħajr ma ġie anness mal-ittra uffiċjali la kopja tal-iskrittura u lanqas kopja ta' xi kambjala. Jissottometti għalhekk illi l-proċedura istitwita minn Victor Fenech nomine permezz tal-ittra uffiċjali imsemmija hija nulla.

Fir-risposta tiegħu Victor Fenech nomine jilqa' għal dan billi jispjega ir-raġunijiet li waslu għall-preżentata tal-ittra uffiċjali u jannetti mar-risposta tiegħu kopji mhux awtentika ta' żewġ skritturi, fosthom tat-12 ta' Lulju 2017 kif ukoll ta' numru ta' kambjali.

Ikkonsidrat;

L-azzjoni odjerna hija proċedura msejsa fuq l-**Artikolu 253 (e) tal_Kap.12** li testwalment jipprovdi illi kambjali jitqiesu titolu eżekuttivi

"(e) [...] B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew *promissory note* tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika <u>tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew *promissory note* esegwibbli</u>, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew *promissory note* tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ." (sottolinear tal-Qorti).

Jekk wieħed jeżamina il-kontenut tal-ittra uffiċjali tal-14 ta' Awissu 2019 mertu ta' dawn il-proċeduri isib illi it-talba hemm kontenuta hija msejsa fuq skrittura tat-12 ta' Lulju 2017, li lanqas biss ġiet eżebita kopja tagħha mal-ittra uffiċjali, u mhux fuq kambjala.

Huwa minnu li fl-aħħar paragrafu tal-ittra uffiċjali hemm referenza vaga għal kambjala iżda ma jinghataw l-ebda dettalji dwar din il-kambjala u wisq anqas ġiet eżebita kopja tagħha mal-ittra uffiċjali.

Huwa evidenti illi l-ittra uffiċjali tal-14 ta' Awissu 2019 ippreżentata minn Victor Fenech nomine ma tistax titqies illi qed tirrendi xi kambjala esegwibbli ai termini tal-artikolu 253 (e) tal-Kap. 12.

Konsegwentement issib illi t-talba tar-rikorrent Zahra hija fondata u ser tiġi akkolta.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi,

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati minn Victor Fenech nomine;

2. Tilqa' t-talba tar-rikorrent Angelo Zahra u tiddikjara illi hemm raġunijiet ġravi ai termini tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12 għaliex l-ittra uffiċjali tal-14 ta' Awissu 2019 ma irrendiet l-ebda kambjala titolu eżekuttiv kontra Angelo Zahra.

Bl-ispejjeż kontra Victor Fenech nomine.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
28 ta' Ottubru 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**